# In-Nar fil-Festi Maltin

## Artiklu miktub minn Joseph Theuma

Għalkemm il-logħob tan-nar jieħu parti kbira mill-organiżżazzjoni ta' kull festa Maltija, kif nafu llum mhiex xi ħaġa li bdiet mit-tieni gwerra 'l hawn. Il-logħob tan-nar bħala storja tiegħu għadu qatt ma ġie studjat fid-dettal li jixraqlu. Bħala xi ħaġa tradizzjonali u kulturali li kibret maż-żminijiet żgur li għandha għeruq b'saħħithom biżżejjed. L-istudju fuq dan is-suġġett jagħmel ġieh li min jieħu dan l-inkarigu.

Il-logħob tan-nar hawn Malta bħalma jagħmlu użu minnu f'artijiet oħra, dejjem huwa marbut ma' xi ċelebrazzjoni. Per eżempju din aktarx tkun reliġjuża, ċelebrazzjoni ta' xi avveniment jew rebħa sportiva. Illum f'pajjiżna saħansitra nagħmlu użu mil-logħob tan-nar anki f'xi festin familjari bħal xi preċett jew tieġ. Però biex inkun semmejt kollox anki fin-niket daħlet l-uzanza tal-logħob tan-nar. Qiegħed nirreferi meta jinħaraq salut għal xi ħadd li miet u dan ikun membru ta' xi kamra tan-nar.

Meta wieħed josserva il-kwantità u l-kwalità tan-nar li jinħaraq fil-gżira tagħna bilfors li jibqa mpressjonat. Din il-ġibda lejn ix-xogħol tan-nar mhiex xi ħaġa ta' żmienna. Il-Malti minn meta ra għall-ewwel darba dan ix-xogħol żgur li għoġbu u biex ngħid ħabbu wkoll. Kieku li ma kienx hekk illum ma ngħidux li dan hu xogħol tradizzjonali u kulturali. Jiġifieri parti mill-wirt Malti. L-ewwel indikazzjonijiet li beda dan ix-xogħol f'artna imorru lura għal mal-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann fil-1530. Il-probabilità wkoll hi li jista jkun kien hawn xi ħadd li kien influwenzat minn xi Sqallin li żgur kienu jiġu Malta qabel il-1530. Norbtu iżjed mal-Kavallieri għaliex dawn kienu attrezzati militarment u għal din ir-raġuni kellhom nies imħarrġa f'dan il-qasam. Dawn in-nies kienu jaħdmu fil-Polveristi u kienu jieħdu ħsieb il-kanuni ta' l-Ordni. Żgur li xi Maltin ġew impjegati f'dawn il-Polveristi u żgur ukoll li dawn tħajjru biex imiddu jdejhom għax-xogħol tan-nar barra minn dak li kien militari. Tgħid dawk il-barranin ma' rewhomx kif jagħmlu dan ix-xogħol? Xi riferenzi għan-nar fl-antik:

1. Fil-1538 kienu tħallsu flus għax-xogħol tan-nar ta' l-arju u ta' l-art fl-Imnarja: dak iż-żmien festa reliġjuża mportanti.

2. Fil-1630 inħaraq diversi tipi ta' nar għall-festa ta' San Luqa fir-Rabat (Malta).

3. Bejn il-1680 u 1790 kemm il-darba jissemma n-nar li kien jinħaraq għall-festa ta' Sant' Agatha fir-Rabat.

4. Fiż-Żurrieq ukoll għall-festa ta' Santa Katerina hemm ukoll referenzi.

L-arti piroteknika ħadet spinta qawwija f'dawn l-aħħar tletin sena. Il-kwantità kibret matul dawn iż-żminijiet. F'kull festa fil-belt jew raħal ta' Malta u Għawdex illum il-ġurnata jrid ikun hemm il-wirja tal-logħob tan-nar. Dan huwa fenomenu li kiber maż-żmien u li jirrifletti s-sehem importanti li dan ix-xogħol għandu fil-festi Maltin. Għalhekk hija ħasra li kultant jiġi mtappan bl-inċidenti koroh li jseħħu minn żmien għal żmien. L-Għaqda Piroteknika Maltija l-għan tagħha huwa prinċipalment biex tgħallem lill-membri jkunu konxji mir-responsabilitajiet li għandhom:

a) L-ewwel u qabel kollox lejn saħħithom u,

b) lejn ir-responsabilita kbira li għandhom biex din l-arti jħarsuha minn dak kollu li jagħmliha l-ħsara. Minn ftit inqas minn erbà' snin li ilha mwaqqfa l-għaqda sar progress, għalkemm bil-mod, imma fiż-żgur. Kull min jaħdem in-nar, dawk ta' qabilna w ta' llum, taw sehem kbir biex barra li x-xogħol tan-nar Malti hu popolari f'Malta permess tal-festi tagħna, sar magħruf ukoll mondjalment. Kellna suċċessi kbar meta ntrebħu kompetizzjonijiet internazzjonali mill-pirotekniċi Maltin f'pajjiżi barranin. Dan is-suċċess għadu jinħass għaliex hemm domanda kontinwa għax-xogħol Malti minn pajjiżi barranin.

Ħaġa li tweġġa' ħafna lill-ħaddiem tan-nar hija l-indifferenza li tintwera minn ċertu setturi f'Malta lejhom. Ir-realta' turina li ħafna nies jaħsbu li min ħadem in-nar, dan jagħmlu għas-sodisfazzjon personali tiegħu. Dan mhu veru xejn, għaliex żgur li m'hawnx min jaħdem sena sħiħa xogħol għall-festa ta' jumejn f'sena. Dan ix-xogħol kollu jsir għall-imħabba li dawn għandhom għall-festa tagħhom. L-ironija hi li ħaddieħor jinqeda minn dawn in-nies mingħajr ebda gratitudni ta' xejn lejhom. Min f'Malta joffri daqstant xogħol għas-settur turistiku mingħajr ebda kumpens ta' xejn? Kemm hawn min qiegħed jagħmel qliegħ ta' flus minn fuq il-wirjiet li jagħmlu dawn il-ħaddiema tan-nar? Nista nibqa sejjer b'dawn il-mistoqsijiet bla nieħu risposta pożittiva waħda.

Kif ktibt aktar il-fuq, il-logħob tan-nar huwa konness direttament mall-festi tagħna. Hawn min jargumenta li għandha wisq nar matul ix-xhur tas-sajf. Kien hemm żmien li kont naqbel ma dan l-argument. Però illum nara li dan ma għadux il-każ. Jekk nieħdu Buġibba, kif ġiet organizzata u msebbħa, narah il-post idejali li kull sena tiġi organizzata xi attivita fuq skala nazzjonali. Kull talent Malti għandu jiġi wżat, kif ukoll kull tradizzjoni Maltija għandha tkun rapprezentata. Min-naħa tan-nar ikun jista jsir spettaklu kbir minn fuq il-baħar. Ħaġa bħal din, barra minn xtutna jħallsu flus kbar biex ikollhom mijiet bħal dawn. Hawn f'pajjiżna għandha l-aqwa xogħol piroteknika. Żgur li din tkun attrazzjoni turistika mill-aqwa. Sena wara l-oħra dan jista' jibqa jikber u b'użu bil-għaqal tat-talent Malti inkunu qed noffru lit-turist verament dak kollu li huwa malti.

Nispiċċa billi nawgura lill-poplu ta' San Pawl il-Baħar festa mill-aqwa mimlija ferħ u sliem.